Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2521

16.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2521

tal-15 ta' Diċembru 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-prevenzjoni tad-dħul u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni tal-*Aromia bungii* (Faldermann)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41(3), l-Artikolu 72(1) u l-Artikolu 79(2),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1503 ([2]) stabbiliet miżuri biex l-*Aromia bungii* (Faldermann) ("il-pest speċifikat") ma jiddaħħalx fl-Unjoni u ma jinxteridx fiha u ġiet sostitwita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2520 ([3]) . Kienet tinkludi wkoll rekwiżiti li jikkonċernaw l-introduzzjoni u l-moviment fl-Unjoni ta' ċerti pjanti u prodotti mill-pjanti.

(2) Wara t-tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE ([4]), permezz tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([5]) stabbilixxa, *inter alia*, rekwiżiti għall-introduzzjoni u l-moviment fl-Unjoni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra.

(3) B'mod aktar speċifiku, l-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, li joriġinaw minn pajjiżi terzi, u r-rekwiżiti speċjali korrispondenti biex dawn jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni. L-Anness VIII ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, li joriġinaw mit-territorju tal-Unjoni u r-rekwiżiti speċjali korrispondenti tagħhom għall-moviment fit-territorju tal-Unjoni. L-Anness XI ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra soġġetti għal ċertifikati fitosanitarji u dawk li ma għandhomx bżonn dawn iċ-ċertifikati biex jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni. L-Anness XIII ta' dak ir-Regolament jelenka l-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li jeħtieġu passaport tal-pjanti għall-moviment tagħhom fit-territorju tal-Unjoni.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1503 tat-8 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi miżuri biex l-*Aromia bungii* (Faldermann) ma jiddaħħalx fl-Unjoni u ma jinxteridx fiha (ĠU L 254, 10.10.2018, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2018/1503/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2520 tal-15 ta' Diċembru 2025 li jistabbilixxi miżuri għall-prevenzjoni tal-istabbiliment u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni tal-*Aromia bungii* (Faldermann) u dwar miżuri għall-qerda u t-trażżin ta' dak il-pest f'ċerti żoni demarkati u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1503 (ĠU L, 2025/2520, 16.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2520/oj).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/29/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).

(4) L-applikazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-miżuri tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1503 dwar l-introduzzjoni u l-moviment fit-territorju tal-Unjoni tal-pjanti speċifikati wriet li hija effettiva fit-tnaqqis tar-riskju ta' dawk il-pesti għal livell aċċettabbli.

(5) Jixraq, għal raġunijiet ta' konsistenza u ċertezza legali, li l-pjanti speċifikati jiġu elenkati fl-Annessi VII, VIII, XI u XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 u li dawk il-miżuri jiġu inklużi, fejn meħtieġ u f'forma aġġornata, bħala rekwiżiti dwar l-introduzzjoni u l-moviment fl-Unjoni ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li jistgħu jospitaw il-pest speċifikat.

(6) Abbażi tas-sejbiet tal-pest speċifikat fl-Unjoni matul l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1503, il-lista tal-pjanti ospitanti ta' dak il-pest jenħtieġ li tiġi estiża biex tkopri l-ispeċijiet kollha tal-*Prunus* u tinkludi l-*Prunus laurocerasus*.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1503 tirrikjedi li qabel il-moviment tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni, il-pjanti jkunu tkabbru f'sit fejn, *inter alia*, isir kampjunar distruttiv immirat fuq kull lott ta' pjanti speċifikati. Dak il-kampjunar distruttiv immirat irid jitwettaq f'livelli speċifiċi stabbiliti f'dak l-att legali.

(8) L-esperjenza matul l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1503 wriet li l-livelli stabbiliti ta' kampjunar distruttiv ta' pjanti speċifikati huma għoljin b'mod sproporzjonat, minħabba li jwasslu għall-qerda ta' għadd kbir bla bżonn ta' pjanti, mingħajr ma jżidu b'mod korrispondenti l-livell ta' fiduċja tal-kampjunar.

(9) Għal dik ir-raġuni, minflok ma jiġi ddefinit il-livell ta' dan il-kampjunar, huwa biżżejjed li jkun meħtieġ li l-iskema ta' kampjunar rispettiva użata tkun tista' tidentifika b'livell ta' fiduċja ta' mill-inqas 99 %, livell ta' preżenza ta' pjanti infestati ta' 1 %.

(10) Il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness VII u fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jenħtieġ li jiġu emendati biex jirriflettu l-aktar emenda reċenti tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([6]).

(11) Ċerti tipi ta' injam jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, minħabba li huwa meħtieġ passaport tal-pjanti għall-moviment tagħhom fl-Unjoni, biex tiġi attestata l-konformità mar-rekwiżiti speċjali rispettivi b'rabta mal-*Aromia bungii* (Faldermann) stabbiliti fl-Anness VIII ta' dak ir-Regolament.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jiġi emendat kif xieraq.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072

L-Annessi VII, VIII, XI u XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

L-Annessi VII, VIII, XI u XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness VII, il-punt 101 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"101.	Injam fil-forma ta' laqx, partikoli, ċana, skart u fdalijiet tal-injam, miksub kompletament jew parzjalment mill-*Prunus* spp.	**ex 4401 22 90** **ex 4401 49 90** **ex 4401 49 10**	Iċ-Ċina, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, il-Mongolja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea u l-Vjetnam	Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam: (a) ikun joriġina minn żona stabbilita bħala ħielsa mill-*Aromia bungii* (Faldermann), mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, f'konformità mal-Istandard Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji ISPM 4(*). Iż-żona ħielsa mill-pesti għandha tissemma fiċ-ċertifikat fitosanitarju taħt ir-rubrika "post tal-oriġini"; jew (b) ikun ġie pproċessat f'biċċiet bi ħxuna u wisa' ta' mhux iktar minn 2,5 cm; jew (c) ikun sarlu trattament bis-sħana sakemm tinkiseb temperatura minima ta' 56 °C għal durata minima ta' 30 minuta tul il-profil kollu tal-injam, li għandu jkun indikat fiċ-ċertifikat fitosanitarju msemmi fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2016/2031."

(2) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 17.4 li ġej jiddaħħal wara l-punt 17.3:

"17.4	Pjanti għat-tħawwil li għandhom dijametru taz-zokk ta' 1 cm jew aktar fl-eħxen punt tagħhom, tal-*Prunus* spp., li joriġinaw minn żona demarkata stabbilita skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2520 jew li jiġu introdotti f'post tal-produzzjoni f'din iż-żona	Stqarrija uffiċjali li l-pjanti tkabbru għal mill-inqas sentejn qabel il-moviment, jew fil-każ ta' pjanti li għandhom inqas minn sentejn, matul ħajjithom, f'post tal-produzzjoni li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin: (a) ikun ġie soġġett għal mill-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali kull sena għal kwalunkwe sinjal tal-*Aromia bungii* (Faldermann) imwettqa fi żminijiet xierqa, u ma jkun instab l-ebda sinjal bħal dan, inkluż fejn xieraq kampjunar distruttiv immirat fuq iz-zkuk u l-fergħat tal-pjanti, u (b) fejn il-pjanti jkunu tkabbru f'sit: (i) b'iżolament fiżiku kontra l-introduzzjoni tal-*Aromia bungii* (Faldermann); jew (ii) fejn ikunu saru stħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew għas-sinjali tal-*Aromia bungii* (Faldermann) kull sena f'wisa' ta' mill-inqas 1 km madwar is-sit fi żminijiet xierqa, u ma jkunu nstab l-ebda *Aromia bungii* (Faldermann) jew sinjali tiegħu u

		(iii) 1. ikunu ġew applikati trattamenti preventivi; jew (iii) 2. ikun twettaq kampjunar distruttiv immirat fuq kull lott qabel il-moviment, inkluż kampjunar distruttiv immirat tal-fergħat u taz-zkuk tal-pjanti. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni skont il-punt (b) ii kien tali li jippermetti mill-inqas id-detezzjoni ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %; Is-salvaġġ li jissodisfa r-rekwiżiti tal-punti (a) u (b) jista' jitlaqqam bi brokki, li ma jkunux tkabbru f'dawn il-kundizzjonijiet, iżda li ma jkollhomx dijametru akbar minn 1 cm fl-eħxen punt tagħhom."

(b) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"33.	Injam tal-*Prunus* spp., li joriġina minn żoni demarkati stabbiliti skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2520 jew li ma joriġinax minn dawk iż-żoni demarkati iżda li jiġi introdott fihom, għajr fil-forma ta': — laqx, partikoli, ċana, skart u fdalijiet tal-injam, miksub kompletament jew parzjalment minn dawn il-pjanti; — materjal tal-injam għall-imballaġġ, fil-forma ta' kontenituri għal ippakkjar, kaxxi, ċestuni, tnabar u kontenituri simili, palits, kaxxi tal-palits u twavel oħrajn għat-tagħbija, għenuq tal-palits, bċejjeċ tal-injam, kemm jekk effettivament jintużawx jew le fit-trasport ta' oġġetti ta' kwalunkwe tip, minbarra l-bċejjeċ tal-injam li jintużaw biex jirfdu l-kunsinni tal-injam, li jkunu magħmulin minn injam tal-istess tip u kwalità bħall-injam fil-kunsinna u li jissodisfa l-istess rekwiżiti fitosanitarji tal-Unjoni bħall-injam fil-kunsinna, iżda inkluż dak li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu.	Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam ikun: a) sarlu trattament xieraq bis-sħana biex tinkiseb temperatura minima ta' 56 °C għal mill-inqas 30 minuta kontinwi tul il-profil kollu tal-injam, inkluż fil-qalba tiegħu, u indikat bil-marka "HT" imqiegħda fuq l-injam jew fuq kull materjal tat-tgeżwir f'konformità mal-użu attwali, jew b) għadda minn radjazzjoni jonizzanti xierqa sakemm tinkiseb doża assorbita minima ta' 1 kGy fl-injam kollu, li trid tkun indikata fiċ-ċertifikat fitosanitarju msemmi fir-Regolament (UE) 2016/2031.
34.	Injam fil-forma ta' laqx, partikoli, ċana, skart u fdalijiet tal-injam, miksub kompletament jew parzjalment mill-*Prunus* spp., li joriġina minn żona demarkata stabbilita skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2520	Dikjarazzjoni uffiċjali li l-injam: (a) ikun għadda minn trattament bis-sħana xieraq biex tinkiseb temperatura minima ta' 56 °C għal perjodu minimu ta' 30 minuta kontinwi tul il-profil sħiħ tal-injam (inkluż fil-qalba tiegħu); jew (b) ikun ġie pproċessat f'biċċiet bi ħxuna u wisa' ta' mhux iktar minn 2,5 cm.

35.	Materjal tal-injam għall-imballaġġ tal-*Prunus* spp. li joriġina minn żona demarkata stabbilita skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2520	Il-materjal tal-injam għall-imballaġġ: (a) ikun magħmul minn injam li tkun tneħħietlu qoxra, kif speċifikat fl-Anness I tal-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 dwar ir-Regolamentazzjoni tal-materjal tal-injam għall-imballaġġ fil-kummerċ internazzjonali, u jkun ġie soġġett għal wieħed mit-trattamenti approvati kif speċifikat fl-Anness I ta' dak l-Istandard Internazzjonali, u (b) ikollu marka kif speċifikat fl-Anness II ta' dak l-Istandard Internazzjonali, li tindika li l-materjal tal-injam għall-imballaġġ ikun ġie soġġett għal trattament fitosanitarju approvat f'konformità ma' dan l-istandard."

(3) Fl-Anness XI, il-parti A, fil-punt 12, ir-ringiela "*Prunus* L. inkluż l-injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu" hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Prunus L.*, inkluż l-injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu	Ħatab, fil-forma ta' zkuk, zkuk maqtugħin, friegħi, qatet ta' għesieleġ jew forom simili; injam fil-forma ta' laqx jew partikoli; serratura u skart u fdalijiet tal-injam, kemm jekk magħqudin fi zkuk, briquettes, pellets jew forom simili u kemm jekk le: – Ħatab, fil-forma ta' zkuk, zkuk maqtugħin, friegħi, qatet ta' għesieleġ jew forom simili: – – Mhux koniferu: **ex 4401 12 00** – Injam fil-forma ta' laqx jew partikoli: – – Mhux koniferu: **ex 4401 22 90** – Serratura u skart u fdalijiet tal-injam, mhux magħquda: – – Skart u fdalijiet tal-injam, mhux magħquda: – – – Qoxra u skart, fdalijiet, rifjuti u residwi tal-produzzjoni: **ex 4401 49 10** – – – Oħrajn: **ex 4401 49 90** Injam għadu aħrax, mhux bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija, jew magħmul kwadru raff: – Trattat biż-żebgħa, b'likwidi għat-tlewwin, bil-kreożit jew preservattivi oħrajn: – – Mhux koniferu: **ex 4403 12 00**	Il-Kanada, iċ-Ċina, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, il-Ġappun, il-Mongolja, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti u l-Vjetnam";

	Injam għadu aħrax, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija u kemm jekk le, jew magħmul kwadru raff: – Oħrajn: **ex 4403 99 00** Arbli maqsumin; puntali, pali u bsaten tal-injam, bil-ponta iżda mhux isserrati mit-tul: – Mhux koniferu: **ex 4404 20 00** Traversi (cross-ties) tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm: – mhux mgħaddsa – – Mhux koniferu: **ex 4406 12 00** – Oħrajn – – Mhux koniferu: **ex 4406 92 00** Injam isserrat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li taqbeż is-6 mm: – – Taċ-ċirasa (*Prunus* spp.): **4407 94 10** **4407 94 91** **4407 94 99** – – Ta' oħrajn: **ex 4407 99 27** **ex 4407 99 40** **ex 4407 99 90** Folji għall-fuljetta (inklużi dawk magħmulin bit-tiflil ta' injam laminat), għall-plywood jew għal injam simili laminat u injam ieħor, isserrat mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li ma taqbiżx is-6 mm: **ex 4408 90 15** **ex 4408 90 35** **ex 4408 90 95**	

	Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parquet, mhux assemblati) iffurmat b'mod kontinwu (bil-mudulluni, bil-gruvijiet, irbattut, iċċanfrinat, ingastat-V, bil-gula, iffurmat, inturnjat jew simili) tul xi xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew bit-truf ġonġuti jew le: – Mhux koniferu: – – Oħrajn **ex. 4409 29 91** **ex. 4409 29 99** Btieti, ċilindri, vats, tnelli u prodotti oħrajn ta' buttar u partijiet tagħhom, tal-injam, inklużi l-injam imqawwes (staves): **ex 4416 00 00** Bini prefabbrikat tal-injam: **ex 9406 10 00**	

(4) fl-Anness XIII, il-punti li ġejjin jiddaħħlu bejn il-punti 4.3. u 5:

"4.4. Injam, għajr fil-forma ta' laqx, partikoli, ċana, skart u fdalijiet tal-injam li joriġina minn żoni demarkati jew injam li żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu kollu jew parti minnu li ma joriġinax minn dawk iż-żoni demarkati iżda li ġie introdott fihom tal-*Prunus* spp., kif imsemmi fil-punt 33 tal-Anness VIII.

4.5. Injam fil-forma ta' laqx, partikoli, ċana, skart u fdalijiet tal-injam li joriġina minn żoni demarkati, miksub kompletament jew parzjalment mill-*Prunus* spp., kif imsemmi fil-punt 34 tal-Anness VIII.".